**Preżenza ħelwa**

Kont miegħek meta rajtek
Għall-ewwel darba fl-isptar,
Żortok għal bosta drabi
Kienx fl-eqqel illejl w binhar.

Hu x'inhu mhix kwistjoni
Li nkun ħdejk kien kbir rigal,
Inti għallimtni ħaġa
Biha ħriġtni mill-grigal:

Urejtni li bil-ħlewwa
Ħafna ġid fil-ħajja jsir,
Bis-skiet tiegħek sammartni
Ħallejtli ruħi ħa ntir.

Lejn is-sebħ minn tal-ġenna
Li għalih naħdmu int w jien,
B'imħabbtek għall-familja
Int farraġt qalb il-għajjien.

O b'liema mħabba kbira
Kemm ħabbejt lil ta' madwarek,
Lilhom dlonk imlejt bil-qawwa
Għożżejthom l-għaliex nies darek.

Nibqa' ngħożż f'din qalbi ċkejkna
Il-waqtiet sbieħ fejn tlabna flimkien,
Il-quddiesa, ir-rużarju,
l-orazzjoni tagħtek is-sliem.

Bħal Marija kont miftuħa
Bħalha ntlaqt f'qalb Binha Ġesù,
Hu żammek marbuta miegħu
Issokta jfawwrek bil-virtù.

Hekk bil-barka li bgħattilna
Inti tibqa' dejjem f'qalbna,
Insemmuk ja mara twajba
Imnaqqxa int tibqa' f'talbna.

U l-fidi tagħna tgħidilna
Li wara tad-dinja d-dnewwa,
Miegħek għad niltaqgħu s-sema
O mbierka, preżenza ħelwa.

Patri Mario Attard OFM Cap
8 ta' Mejju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.